IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 26**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar It-Tlieta 26 ta' Awwissu 2014 fis-7.00 pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** — Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Raymond Tanti | Ambaxxatur |

0.01 **Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa item nru 7 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti rendikont finanzjarju. Il-Kunsill qabel.** — Bdil fl-ordni tal-aġenda

7.00 ***Quarterly Financial Statements*** **(April - Ġunju)**

7.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għall-perjodu ta' April – Ġunju 2014. — *Quarterly Financial Statements* (April - Ġunju 2014)

Il-Kunsill innota li għal dan il-kwart kien hemm indikatur negattiv ta' -7.25% Filwaqt li l-indikatur annwali kien 9.82%. Ġie nnotat ukoll li nqabeż il-*budget* fin-nefqiet relatati ma' *Public Property, Plants and Equipment* u t-Trasport.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

Il-Kunsill qabel li mal-parir mgħoti mill-*accountant* sabiex issir reviżjoni tal-Estimi Annwali għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill ikkunsidra wkoll li jew jonqsu l-ħarġiet għall-anzjani jew inkella jiżdied xi ftit il-prezz ta' dawn il-ħarġiet, sabiex jagħmel tajjeb għall-ispiża fit-trasport.

7.02 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

7.03 **Il-Kunsill qabel li jkompli bl-ordni tal-aġenda**

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 24**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru G24 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 24

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 24** Punti li joħorġu mill-Minuti G 24

2.01 3.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill ġie infurmat mid-Direttur Ġenerali tal-*Funds & Programming Division* li l-Programm li Malta ffirmat f'April 2013 li taħtu jaqa' l-Proġett tar-*roundabout* ta' Għajn Qajjet, ma jinkludix proprejtà/ufficini għall-Kunsilli Lokali. Proġett għar-*roundabout* ta' Għajn Qajjet

2.02 3.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand is-Segretarju tal-Għaqda Mużikali L'Isle Adam fejn irringrazzja lill-Kunsill li laqa' t-talba tagħhom. Il-Kunsill ġie infurmat li d-dawl dekorattiv li ser isir fuq l-imsemmija bankina kif ukoll il-manutenzjoni tiegħu ser isiru għas-spejjeż tal-Għaqda Mużikali L'Isle Adam. Talba Għaqda Mużikali L'Isle Adam

2.03 3.03 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-permess ta' TM għal *shuttle service* kien inħareġ. Ħruġ ta' kwotazzjoni għal *shuttle service*

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fis-7:30 ta' filgħaxija.

**3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 25**

3.01 Il-minuti tas-seduta nru G25 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 24

**4.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 25** Punti li joħorġu mill-Minuti G 25

4.01 Ma kienx hemm punti li joħorġu mill-minuti.

## 5.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza

5.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-offerta għat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika fi Triq il-Kulleġġ kienet ser tiskadi fid-19 ta' Settembru 2014. Huwa ppropona li sakemm isir il-proċess sabiex terġa' tinħareġ l-offerta u jsir ir-*refurbishment* fuq l-imsemmija latrina din għandha temporanjament tiġi magħluqa. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għeluq temporanju tal-latrina pubblika fi Triq il-Kulleġġ

5.02 Is-Sindku ta spjegazzjoni dwar fiex kien wasal il-proċess tal-Proġett ta' Triq Santa Rita u Misraħ San Katald. Huwa informa l-laqgħa li aktar minn 70% tal-bejjiegħa tal-monti kienu ffirmaw petizzjoni fejn iddikjaraw li qegħdin jaqblu li temporanjament jarmaw fi Triq it-Tiġrija.

Żviluppi rigward il-Proġett ta' Triq Santa Rita u Misraħ San Katald

Il-Kunsillier Rudolf Grima saqsa jekk il-monti kienx sejjer lura fi Triq Santa Rita wara li jitlesta l-proġett. Is-Sindku wieġeb li d-deċiżjoni taċ-ċaqliq tal-monti għal Triq it-Tiġrija hija waħda temporanja u kif jitlesta l-proġett il-monti ser imur lura f'postu fi Triq Santa Rita.

5.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1353/14,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva petizzjoni mingħand xi residenti Rabtin u bejjiegħ tal-monti, fejn dawn kienu qegħdin jitlobu li l-Kunsill jikkunsidra post ieħor għar-riallokazzjoni tal-monti minflok dak ta' Triq tat-Tiġrija.

Petizzjoni sabiex tinbidel id-deċiżjoni dwar ir-riallokazzjoni tal-monti

Wara li s-Sindku qara l-petizzjoni u ġie nnotat li wħud mill-firmatarji lanqas biss niżlu n-numru tal-karta tal-identità tagħhom, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibqa' mad-deċiżjoni meħuda li l-monti jmur temporanjament fi Triq it-Tiġrija. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.04 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva ittra, (referenza nru 50/1254/14) mingħand is-Sur Brian Caruana, li biha informa lill-Kunsill li qed jirrinunzja mill-kuntratt li ġie aġġudikat lilu f'seduta G11 tat-12 ta' Novembru 2013.

Konsiderazzjoni mill-ġdid tal-offerta għal Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 3 - RLC/T/129/13

Konsegwenza ta' din l-ittra s-Sindku ppropona li din l-offerta tiġi aġġudikata lis-Sur Emanuel Ciantar, it-tieni l-irħas offerent li tefa' din l-offerta. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joffri s-servizz ta' żewġ *mobile toilets,* kull nhar ta' Ħadd sakemm idum il-monti fi Triq it-Tiġrija. Dan sabiex ikunu ta' użu kemm għall-bejjiegħa tal-monti kif ukoll għall-pubbliku. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

*Mobile toilets* fi Triq it-Tiġrija

5.06 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1274/14** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva ittra mingħand is-Sur Paul Abela fejn qiegħed jitlob li Sqaq fil-limiti tar-Rabat jissemma għall-Profs V Griffiths jew għal persuna bil-laqam ir-REJS.

Talba sabiex Sqaq jingħata isem

Is-Sindku qal li s-Sur Abela ma ppreżenta l-ebda profil tal-persuni msemmija u lanqas *site plan*. Għaldaqstant ġie deċiż li tintalab tali informazzjoni lis-Sur Abela

sabiex il-Kunsill imbagħad ikun jista' jagħmel it-talba tiegħu lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq.

5.07 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1319/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-Perit Mario Pirotta fejn f'isem il-klijent tiegħu s-Sur Philip Brincat kien qed jitlob *No Objection* mingħand il-Kunsill sabiex ikun jista' jestendi l-bankina ta' quddiem l-istabbiliment tiegħu Tax-Xiħa (Rising Sun), sabiex jarma l-imwejjed u s-siġġijiet.

Talba għal imwejjed u siġġijiet

Il-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li l-Kunsill jikkunsidra din it-talba u jagħti din in-*No Objection*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg.

Wara diskussjoni li saret, din il-proposta għaddiet bi 8 voti favur u 1 kontra sakemm jinġiebu l-permessi kollha neċessarji mill-awtoritajiet kompetenti u jiġu osservati l-kundizzjonijiet t'hawn taħt:-

- L-estensjoni tal-bankina ssir ġewwa post ta' parkeġġ wieħed, dak li bħalissa huwa parkeġġ riservat.
- Il-bankina ssir għas-spejjeż tas-sid tal-istabbiliment u tal-istess materjal li jikkumplimenta l-bankina eżistenti.
- Qabel ma jinbeda x-xogħol, il-Kunsill għandu jiġi infurmat sabiex ikun jista' jiġi mċaqlaq il-parkeġġ riservat għal post ieħor.

5.08 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-monti kien ser jiċċaqlaq għal Triq it-Tiġrija minn nhar il-Ħadd 31 ta' Awwissu. Huwa ppropona li għall-ewwel erba' ġimgħat jiġu ordnati żewġ Gwardjani Lokali sabiex jidderiġu t-traffiku fi Triq it-Tiġrija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Jiġu ordnati Gwardjani Lokali għal Triq it-Tiġrija

## 6.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet

6.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 237 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 237

## 8.00 Ħatra ta' ambaxxatur/ambaxxatriċi tal-Vot 16 għal-lokalità tar-Rabat.

8.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Ambaxxatur Lokali s-Sur Raymond Tanti kien għalaq it-tmintax-il sena u għaldaqstant m'għadux eliġibbli għal din il-kariga.

Ħatra ta' Ambaxxatur/ Ambaxxatriċi tal-Vot 16 għal-lokalità tar-Rabat

Il-Kunsillier Stephen Borg ippropona li s-Sur Luke Vella jinħatar Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ għal-lokalità tar-Rabat (skont deċiżjoni meħuda f'seduta G10 tal-4 ta' Novembru 2013). Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.00 Proċess tal-għażla għall-impjegat/a fi skala 15

9.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Għażla għall-impjegat/a fi skala 15.

Proċess tal-għażla għall-impjegata fi skala 15

Il-Viċi Sindku Doris Coleiro pproponiet li tingħażel is-Sinjorina Cher Carmen Fenech, hekk kif ġie rakkomandat mill-Bord tal-Għażla. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G02).**

Il-Bord evalwa l-offerta mitfugħa għall-provvediment ta' polza tal-assikurazzjoni – RLC/T/138/14

Intefgħet offerta waħda hekk kif ġej:

| | Isem | Rata |
|---|---|---|
| 1 | Island Insurance Brokers Ltd | **'Option A'** €5,405.46 fis-sena<br><br>**'Option B'** €1,247.81 fis-sena |

Il-Bord evalwa l-offerta mitfugħa. Dawn kienu 'Option A' li tinkludi l-assi kollha kif mitluba mill-awdituri lokali u 'Option B' skont l-assi kif inklużi fil-polza tal-assigurazzjoni tas-sena preċedenti. Il-Bord qabel li jirrakkomanda l-offerta 'Option A' tal-*Island Insurance Brokers Ltd* peress li kienet l-unika offerta mitfugħa.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 10 tal-aġenda.**

**10.00 Għażla tal-offerta għall-provvediment ta' polza tal-assikurazzjoni**

10.01 Is-Sindku Charles Azzopardi pproponа li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta għall-provvediment ta' polza tal-assikurazzjoni. Huwa pproponа li tingħażel 'Option A' tal-*Island Insurance Brokers Ltd* peress li din kienet l-unika offerta mitfugħa. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-offerta għall-provvediment ta' polza tal-assikurazzjoni - RLC/T/138/14

**11.00 Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' perit – RLC/T/0108/12**

11.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/0108/12 għal servizz ta' perit u pproponа li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' perit – RLC/T/0108/12

**12.00 Tiġdid tal-offerta għal xogħlijiet ta' *patching* – RLC/T/0115/12**

12.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/0115/12 għal xogħlijiet ta' *patching* u pproponа

Tiġdid tal-offerta

li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda. għal xogħlijiet ta' *patching* – RLC/T/0115/12

## 13.00 Korrispondenza

13.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1233/14**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Ministru kien laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-postijiet tal-Kunsillier Paul Paul Azzopardi u tal-Kunsillier Rudolf Grima ma jiġux dikjarati vakanti. Attendenza tal-Kunsillieri

13.02 B'referenza għall-Memo16/2014 u għall-korrispondenza numru **50/1202/14**, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jissottometti l-applikazzjoni tiegħu sabiex jieħu sehem f'dan il-Proġett Pilota dwar *Performance Management* fil-Kunsilli Lokali. Proġett kofinanzjat minn *Norway Grants 2009-2014* u l-Gvern Malti. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. Proġett Pilota dwar *Performance Management* fil-Kunsilli Lokali

13.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1322/14**, is-Sindku informa il-laqgħa li l-Kunsill irċieva lment mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għar abbandunat fi Triq San Trofimu u dwar abbużi li qed isiru fih. Huwa qal li d-Dipartiment kien qiegħed jitlob l-kummenti tal-Kunsill u x'azzjoni ser tittieħed biex jitneħħa dan l-inkonvenjent. Ilment dwar għar abbandunat fi Triq San Trofimu

Wara diskussjoni li saret irriżulta li dan l-għar huwa qabar puniku u għaldaqstant mhux fil-kompetenza tal-Kunsill. Minkejja dan il-Kunsill xorta ser jgħaddi dan l-ilment lis-Sovvrintendenza tal-Wirt Kulturali.

13.04 B'referenza għall-korrispondenza preċedenti dwar rapport bis-suġġett 'il-pożizzjoni u l-operat finanzjarju tal-Kunsill' ippreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv f'seduta tal-Kunsill G04 tal-21 ta' Mejju 2013, is-Sindku informa l-Kunsill li saret laqgħa mad-Direttur li għaliha kienet ukoll preżenti s-Segretarju Eżekuttiv. Rapport bis-suġġett 'il-pożizzjoni u l-operat finanzjarju tal-Kunsill'

F'din il-laqgħa d-Direttur ta struzzjonijiet sabiex dan ir-rapport jerġa' jittella' għall-attenzjoni tal-Kunsill u jekk jiġu approvati xi pagamenti, id-Direttur ikkometta ruħu li jibgħat l-approvazzjoni bil-firma tiegħu li l-Kunsill qiegħed jaġixxi skont il-liġi.

Wara diskussjoni li saret il-Viċi Sindku Doris Coleiro ppropniet li l-pagamenti kollha msemmija fir-rapport jiġu approvati sakemm id-Direttur jibgħat l-approvazzjoni tiegħu bil-miktub. Kien iċċarat li qabel ma l-Kunsill jirċievi tali awtorizzazzjoni mid-Direttur ma jista' jinħareġ l-ebda pagament. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-proposta għaddiet b'sitt voti favur u tliet astensjonijiet. It-tliet Kunsilliera li astjenew iddikjaraw li qed jagħmlu dan minħabba li ma ngħabet l-ebda prova li tali xogħlijiet saru.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fis-9.30 ta' filgħaxija

13.05 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1305/14**, is-Sindku informa l-laqgħa li TM kienet qiegħda titlob il-kummenti tal-Kunsill dwar proposta ta' *one-way system* fi Triq Gorg Borg Olivier. Proposta ta' *one-way system* fi Triq Ġorġ Borg Olivier

Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li l-Kunsill jitlob laqgħa ma' TM, sabiex tiġi spjegata aħjar din il-proposta qabel il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jagħti l-kummenti tiegħu.

**14.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru B01**

14.01 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro pproponiet li l-minuti tal-KA tal-Baħrija B01 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Baħrija B01

**15.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru B01**

15.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù B01 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Virtù B01

**16.00 Materji Oħra**

16.01 Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li Sqaq nru 1 Triq il-Kulleġġ isir bil-*crete print*.

Sqaq nru 1 Triq il-Kulleġġ isir bil-*crete print*

16.02 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi talab *refresh* tas-sinjali tat-traffiku fiż-żona taċ-Ċagħki.

*Refresh* tas-sinjali tat-traffiku fiż-żona taċ-Ċagħki.

**17.00 Data tas-seduta li jmiss**

17.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Data tas-seduta li jmiss

17.02 Il-laqgħa ntemmet fl-9.50 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta ............ 23 ............ ta' Settembru 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**